

Brussell, 11 ta' Frar 2025
(OR. en)

5730/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0007(NLE)

ECOFIN 97
UEM 46
FIN 109

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Latvja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Latvja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) mil-Latvja fit-30 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021² ġiet emendata b’deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Diċembru 2023³.
- (2) Fit-18 ta’ Diċembru 2024, il-Latvja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, il-Latvja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mil-Latvja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 28 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10157/21, ST 10157/21 ADD 1. fuq <http://register.consilium.europa.eu>

³ Ara d-dokumenti ST 15569/23, ST 15569/23 ADD 1. fuq <http://register.consilium.europa.eu>

- (4) Il-Latvja spjegat li ġew emendati 10 miżuri biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna: il-mira 4, l-istadju importanti 5a u d-deskrizzjoni tal-miżura 1.1.1.r. (Ekoloġizzazzjoni tas-Sistema tat-Trasport Metropolitan ta' Riga) taħt il-Komponent 1 (it-Tibdil fil-Klima u s-Sostenibbiltà Ambjentali); il-mira 43, il-mira 44, l-istadju importanti 44a u d-deskrizzjoni tal-miżura 2.2.1.1.i. (Appoġġ għall-istabbiliment ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali u Punti ta' Kuntatt Reġjonali), il-mira 50, il-mira 51, il-mira 52 u d-deskrizzjoni tal-miżura 2.2.1.4.i. (Strumenti finanzjarji biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi), il-mira 71, il-mira 72 u d-deskrizzjoni tal-miżura 2.3.2.1.i. (Ħiliet diġitali għan-nies) u l-istadju importanti 74, il-mira 75, il-mira 76 u d-deskrizzjoni tal-miżura 2.3.2.2.i. (Żvilupp ta' ħiliet u kapaċitajiet ta' trasformazzjoni diġitali tal-istat u tal-gvern lokali), kollha taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali); l-istadju importanti 115, l-istadju importanti 116, il-mira 117 u d-deskrizzjoni tal-miżura 3.1.2.1.i. (Miżuri għall-promozzjoni tal-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjiegi għall-persuni b'diżabilità) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza); il-mira 193 u l-mira 194 taħt il-miżura 6.2.1.3.i. (Stabbiliment ta' ċentru ta' taħriġ uniku għall-iżvilupp tal-kwalifiki tal-imħallfin, tal-persunal tal-qorti, tal-prosekuturi, tal-assistenti prosekuturi u tal-investigaturi speċjalizzati (kwistjonijiet interdixxiplinari), l-istadju importanti 200, il-mira 201 u d-deskrizzjoni tal-miżura 6.3.1.1.i. (Amministrazzjoni pubblika miftuħa, trasparenti, ġusta u responsabbli) u l-istadju importanti 202, il-mira 203 u d-deskrizzjoni tal-miżura 6.3.1.2.i. (Professjonalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tal-bini amministrattivi u tal-kapaċità), kollha taħt il-Komponent 6 (Stat tad-dritt); u l-mira 224 taħt il-miżura 7.3.i. (Aġġornament, diġitalizzazzjoni u żgurar tan-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku) skont il-Komponent 7 (REPowerEU).

Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet sabiex il-miżuri msemmija hawn fuq, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Latvja talbet sabiex titneħħa l-mira 4 tal-miżura 1.1.1.1.i. (Trasport ferrovjarju kompetittiv tal-passiġġieri fi ħdan is-sistema komuni tat-trasport pubbliku tal-belt ta' Riga) u r-referenza għal “Korsija ta' tranżitu rapidu bil-karozzi tal-linja, twila 5.3 km” taħt l-istadju importanti 5a tal-miżura 1.1.1.2.i. (Titjib li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent fis-sistema tat-trasport pubbliku tal-belt ta' Riga) taħt il-Komponent 1 (Tibdil fil-Klima u Sostenibbiltà Ambjentali). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) Il-Latvja spjegat li 13-il miżura ġew emendati biex tiġi implimentata alternattiva aħjar sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi tal-miżuri. Dan jikkonċerna: id-deskrizzjoni tal-miżura 1.2.1.5.i. (Modernizzazzjoni tan-networks tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku) u tal-miżura 1.3.1.r. (Adattament tas-sistema ta' ġestjoni tad-diżastri għat-tibdil fil-klima, servizzi ta' salvataġġ u rispons rapidu), kemm taħt il-Komponent 1 (Tibdil fil-Klima u Sostenibbiltà Ambjentali); il-miri 47, 48 u 49 u d-deskrizzjoni tal-miżura 2.2.1.3.i. (Appoġġ għall-introduzzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda fin-negozju), l-istadju importanti 57, l-istadju importanti 57a u d-deskrizzjoni tal-miżura 2.3.1.r. (Żvilupp ta' qafas ta' appoġġ sostenibbli u soċjalment responsabbli għat-tagħlim għall-adulti), il-mira 79 u d-deskrizzjoni tal-miżura 2.3.2.3.i. (Nagħlqu d-distakk diġitali għal studenti u istituzzjonijiet edukattivi soċjalment vulnerabbli) u l-mira 83 taħt il-miżura 2.4.1.2.i. (Broadband jew network ta' kapaċità għolja ħafna żvilupp tal-infrastruttura taċ-“ċirkwit lokali”), kollha taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali);

il-mira 108 taħt il-miżura 3.1.1.6.i. (Xiri ta' vetturi b'emissjonijiet zero għat-twettiq ta' funzjonijiet muniċipali u servizzi relatati) u d-deskrizzjoni tal-miżura 3.1.2.5.i. (Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni qiegħda, persuni li qed ifittxu impjieg u persuni f'riskju ta' qgħad), it-tnejn taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza); il-miri 141 u 142 tal-miżura 4.1.1.3.i. (Appoġġ għat-tisħiħ tal-infrastruttura tas-saħħa ta' fornituri ta' servizzi outpatient sekondarji) taħt il-Komponent 4 (Saħħa); il-mira 155, l-istadju importanti 156 u d-deskrizzjoni tal-miżura 5.1.1.1.i. (Operazzjonalizzazzjoni u tħaddim kontinwu ta' mudell sħiħ ta' governanza tas-sistema tal-innovazzjoni), l-istadju importanti 160, il-mira 162 u d-deskrizzjoni tal-miżura 5.2.1.r. (Riforma tal-Edukazzjoni Għolja u l-Eċċellenza Xjentifika u l-Governanza) u l-miri 164 u 165 u d-deskrizzjoni tal-miżura 5.2.1.1.i. (Għotjiet għar-riċerka, l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni), kollha taħt il-Komponent 5 (Trasformazzjoni ekonomika u riforma tal-produttività); u l-istadju importanti 187 u d-deskrizzjoni tal-miżura 6.2.1.1.i. (Stabbiliment ta' Ċentru ta' Innovazzjoni fil-qasam tal-AML biex tittejjeb l-identifikazzjoni tal-ħasil tal-flus) taħt il-Komponent 6 (l-Istat tad-Dritt). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet sabiex jitneħħew informazzjoni ġenerali jew elementi proċedurali bla bżonn li ma jikkontribwixxux għall-oġġettivi tal-miżuri, sabiex jiġu ċċarati ċerti elementi huma relatati mal-oġġettivi jew il-kuntest tal-miżuri, u sabiex jiġu ssimplifikatid-deskrizzjonijiet ta' miżuri jew stadji importanti u miri li jikkawżaw piż amministrattiv mhux ġustifikat fir-rigward tal-kisba tal-oġġettivi tal-miżuri korrispondenti. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (6) Il-Latvja spjegat li żewġ miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu fit-termi speċifiċi previsti fl-RRP oriġinali minħabba bidliet fid-domanda tas-suq, filwaqt li jitqies li waslu għadd insuffiċjenti ta' proposti meta mqabbel mal-aspettattivi tal-awtoritajiet qabel it-tnedija tas-sejthiet. Dan jikkonċerna l-mira 63, il-mira 64 u d-deskrizzjoni tal-miżura ta' 2.3.1.2.i. (Żvilupp tal-ħiliet diġitali tal-intrapriżi) taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali); u l-miri 122 u 123 u d-deskrizzjoni tal-miżura 3.1.2.3.i. (Reżiljenza u kontinwità tas-servizz tal-kura soċjali fit-tul) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza). Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet sabiex jitnaqqas il-livell meħtieġ ta' implimentazzjoni tal-mira 63 u l-mira 64 tal-miżura 2.3.1.2.i. (Żvilupp tal-ħiliet diġitali tal-intrapriżi). Barra minn hekk, il-Latvja talbet sabiex jitnaqqas il-livell meħtieġ ta' implimentazzjoni tal-miri 122 u 123 tal-miżura 3.1.2.3.i. (Ir-reżiljenza u l-kontinwità tas-servizz tal-kura soċjali fit-tul). Il-Latvja talbet sabiex tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-miżura u l-miri 122 u 123 billi jitnaqqas l-għadd ta' kuntratti li għandhom jiġu konklużi mill-Aġenzija Ċentrali tal-Finanzi u l-Kuntratti u jitnaqqas l-għadd ta' persuni li għandhom jingħataw kura fit-tul.. Wara t-tneħħija tal-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Latvja talbet li tuża r-riżorsi lliberati bit-tneħħija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni sabiex iżżid tliet miżuri ġodda u żżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura waħda. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 4 u l-istadju importanti 4a tal-miżura 1.1.1.i. (Titjib tal-infrastruttura tat-trasport Metropolitana ta' Riga) taħt il-Komponent 1 (it-Tibdil fil-Klima u s-Sostenibbiltà Ambjentali);

il-mira 50 u l-mira 51 tal-miżura 2.2.1.4.i. (Strumenti finanzjarji biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi) taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali); l-istadju importanti 109a u 109b tal-miżura 3.1.1.7.i. (Self lill-iżviluppaturi tal-proprjetà immobbli għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-inugwaljanza); u l-mira 130a tal-miżura 3.1.2.6.i. (Iffaċilitar tad-disponibbiltà ta' għajnuniet tekniċi) taħt il-Komponent 3. Abbażi ta' dan, il-Latvja talbet li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni tal-istadju importanti 4 billi l-mira 4 tiġi sostitwita bl-istadju importanti 4 u tiġi introdotta referenza għall-iffirmar ta' kuntratti għall-investiment ġdid li jikkonċerna t-titjib tal-Istazzjon Ferrovarju Ċentrali ta' Riga u li jiżdied l-istadju importanti 4a sabiex tiġi riflessa t-tlestija tal-kostruzzjoni ta' dak l-investiment. F'dan ir-rigward, il-Latvja talbet li żżid il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa billi temenda d-deskrizzjoni tal-miżura 1.1.1.i. (Titjib tal-infrastruttura tat-trasport Metropolitana ta' Riga) taħt il-Komponent 1 (it-Tibdil fil-Klima u s-Sostenibbiltà Ambjentali) u ż-żieda tal-investiment fit-trasport li jikkonċerna t-titjib tal-Istazzjon Ferrovarju Ċentrali ta' Riga. Barra minn hekk, il-Latvja talbet sabiex jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni tal-mira 50 u l-mira 51 tal-miżura 2.2.1.4.i. (Strumenti finanzjarji biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi) taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali). B'żieda ma' dan, il-Latvja talbet sabiex jiżdied l-istadju importanti 109a u l-istadju importanti 109b u l-miżura 3.1.1.7.i. (Self lill-iżviluppaturi tal-proprjetà immobbli għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-inugwaljanza). Il-Miżura 3.1.1.7.i. (Self lill-iżviluppaturi tal-proprjetà immobbli għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'kera baxxa) tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3.2 tal-2019 biex il-politika ekonomika relatata mal-investiment tiġi ffukata fuq il-forniment ta' akkomodazzjoni affordabbli.

B'żieda ma' dan, din il-miżura l-għdida hija għustifikata mill-maturità twila (30 sena) tas-self inkwistjoni, id-daqs żgħir tal-miżura (EUR 29 miljun, ekwivalenti għal 1,5 % tal-RRP), is-suq kapitali limitat fil-Latvja, fejn sorsi alternattivi ta' finanzjament jitnaqqsu għal dan it-tip ta' proġett fit-tul, u l-immirar soċjali tal-miżura, fejn il-finanzjament fit-tul għal tali miżuri soċjali huwa komparattivament aktar baxx minn miżuri f'oqsma oħra ta' politika. Barra minn hekk, il-Latvja talbet sabiex tiżdied il-mira 130a u l-miżura 3.1.2.6.i. (Iffaċilitar tad-disponibbiltà ta' għajnuniet tekniċi) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-inugwaljanza). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (7) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mil-Latvja jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (8) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi modifikata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mil-Latvja.

- (9) Ġew identifikati ħames żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw mira waħda, stadju importanti wieħed u erba' miżuri taħt erba' komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali, li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ppreżentat lill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Latvja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-mira 33 tal-miżura 2.1.2.1.i. (Pjattaformi ċentralizzati, sistemi u servizzi kondiviżi) taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Diġitali), l-istadju importanti 94 tal-miżura 3.1.1.3.i. (Investimenti fl-infrastruttura pubblika għall-iżvilupp ta' parks industrijali fir-reġjuni) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza), u d-deskrizzjonijiet tal-miżuri li ġejjin: il-miżura 1.2.1.3.i. (Titjib tal-bini u l-infrastruttura muniċipali permezz tal-promozzjoni tat-tranżizzjoni lejn teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika) taħt il-Komponent 1 (Tibdil fil-Klima u s-Sostenibbiltà Ambjentali), il-miżura 3.1.1.3.i. (Investimenti fl-infrastruttura pubblika għall-iżvilupp ta' parks industrijali fir-reġjuni) u l-miżura 3.1.2.4.i. (Żvilupp sinerġistiku ta' servizzi ta' riabilitazzjoni soċjali u vokazzjonali għall-promozzjoni tar-reżiljenza ta' persuni b'indebolimenti funzjonali) taħt il-Komponent 3 (Tnaqqis tal-Inugwaljanza), u l-miżura 4.1.1.2.i. (Appoġġ għat-tiżiħ tal-infrastruttura tas-saħħa ta' sptarjiet universitarji u reġjonali) taħt il-Komponent 4 (Saħħa). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (10) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241 u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tiegħu, l-RRP emendat mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti tal-investimenti inklużi f'dak l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fit-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (12) L-RRP emendat ġie ddeterminat li huwa konformi mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni bit-titolu “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”⁵. Il-Kummissjoni kkonkludiet li, għall-miżuri emendati u ġodda kollha, l-informazzjoni pprovduta mil-Latvja wriet konformità ma' dan il-prinċipju.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13
ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

⁵ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/241 u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tiegħu, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 38,14 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 100 % tal-kost stmat totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (14) Wara l-emendi proposti għall-RRP, il-kontribuzzjoni għall-oġettivi klimatiċi naqset minn 41,51 % qabel għal 38,14 % bħalissa. It-tnaqqis fil-kontribuzzjoni għall-oġettivi klimatiċi jirrifletti t-tneħħija ta' investiment skont il-miżura 1.1.1.1.i. (Investiment: Trasport ferrovjarju kompetittiv tal-passiġġieri fi ħdan is-sistema komuni tat-trasport pubbliku tal-belt ta' Riga) fil-Komponent 1 (it-Tibdil fil-Klima u s-Sostenibbiltà Ambjentali) u s-sostituzzjoni tiegħu b'investiment ġdid fl-RRP li jappoġġa l-iżvilupp ta' sistema tat-trasport pubbliku multimodali f'Riga, fejn il-ferrovija ssir is-sinsla tat-trasport. Il-bidla tikkonsisti fit-tneħħija ta' investiment li qabel kien jikkontribwixxi 100 % għall-oġettivi klimatiċi b'investiment ġdid li jikkontribwixxi 40 %.

Kostijiet

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tiegħu, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (16) L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta mil-Latvja għall-RRP emendat hija dettaljata u sostanzjata sew. Barra minn hekk, il-Latvja ppreżentat dokumenti separati, inklużi deskrizzjonijiet aktar elaborati tal-metodoloġija sottostanti għall-kalkoli tal-kostijiet u spjegazzjonijiet ta' kif il-proġetti tal-passat huma relatati mal-istimi tal-kostijiet tal-miżuri l-ġodda bħala dokumentazzjoni, kif ukoll dwar l-addizzjonalità tal-finanzjament tal-Unjoni fejn applikabbli. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u tal-informazzjoni ta' sostenn turi li l-maġġoranza tal-kostijiet tal-miżuri l-ġodda huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli u ma jinkludux kostijiet koperti minn finanzjament tal-UE eżistenti jew ippjanat. Madankollu, peress li xi elementi tal-ikkostjar mhumiex iddokumentati kompletament, dan iwassal għall-valutazzjoni li l-informazzjoni dwar il-kostijiet hija moderatament ċara, li jiġġustifika klassifikazzjoni B. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Valutazzjoni pożittiva

- (17) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (18) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Latvja huma ta' EUR 1 969 244 522. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ugwali għall-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal-Latvja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 20(4) tar-Regolament (UE) 2021/241 alllokata għall-RRP emendat tal-Latvja jenħtieġ li tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-RRP emendat tal-Latvja. Dan l-ammont huwa ta' EUR 1 969 244 522.
- (19) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Latvja hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Latvja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti għall-ġhoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Kunsill

Il-President
